KLR 23/VII/2014

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru 2014 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, u Marċel Tabone, is-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Mark Farruġia.

SKUŻATI:- il-Viċi Sindku Josef Schembri u l-membru Anthony Briffa.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar żewġ laqgħat.

**1. Mill-Minuti**

Il-kunsillier Debrincat ġibed l-attenzjoni rigward l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena. Hu staqsa għaliex il-Kunsill iddeċieda li ssir fi Pjazza Santu Wistin u mhux fi Pjazza San Franġisk. Is-Sindku spjega li Pjazza San Franġisk ġiet ikkunsidrata waqt id-diskussjoni, pero' l-Kunsill qabel fuq Pjazza Santu Wistin sabiex it-traffiku jibqa' għaddej u jkun hawn inkonvenjent mill-inqas kemm jista' jkun. Ta' min jinnota li sakemm qed isir il-proġett tac-ċentru storiku, Triq Repubblika qed tinżamm magħluqa minn salib it-toroq sa Pjazza Savina.

2. ***Update – ERDF 249, 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo***

2.1 Tressaq rapport tal-bord ta'evalwazzjoni fuq l-offerta – *Repaving of part of* Triq l-Arċipriet Saver Cassar *as part of the project 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo.* Dan jinsab anness f'dokument A. Il-membri qablu li jimxu mal-parir tal-bord u l-offerta tingħata lill-Gatt Tarmac Ltd.

2.2 Il-membri qablu li għat-tielet offerta – *Transcription, procurmeent and installation of Braille and tactile signange – Project ERDF 249 (Ref ERDF 249/08/14 )*l-membri tal-bord ta' evalwazzjoni jkunu hekk:-*chariman* William Sultanta, evalwaturi Ing. James Grima, Perit Gordon Vella u Paul Dimech u Segretarja Miriam Attard.

2.3 Billi t-tindif tal-profido ta' Pjazza Indipendenza ma tniżżilx bħala item fl-offerta tax-xogħolijiet, dan ix-xgoħol ser isir separat minn Savio Buġeja.

2.4 Emejl mingħand il-Korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma liema korporazzjoni ser tipprovdi l-pajpijiet u s-support tekniku neċessarju kif isir is-soltu. Dan għal Triq Sir Mikelanġ Refalo u Pjazza Indipendenza. Billi dawn it-toroq jiffurmaw parti mit-*Ten-T Network*, għandha ssir talba lill-Transprot Malta (TM) għal aktar għajnuna fix-xogħol tas-servizzi.

2.5 Astrid Vella, ko-ordinatur ta' 'Flimkien għal Ambjent Aħjar' fejn infuramt lill-Kunsill li ser tibgħat espert Ingliż fuq is-siġar ta' Pjazza Indipendenza biex jagħti *lecture* fuq il-kura tas-siġar nhar it-3 ta' Diċembru 2014. Il-Kunsill ser jieħu nota ta' dan. Il-programm tax-xogħolijiet ser jibqa' għaddej u l-Kunsill għandu appell mal-MEPA rigward it-tneħħija tas-siġar tat-Tokk. Il-Kunsill lest li jattendi għall-*lecture* pero' mhux ser iħallas għall-ispejjes.

2.6 Mark u Lucia Cook rigward ħsara fi rħama tal-faccata fil-propjeta' tagħhom fi Triq Sir M'Anġelo Refalo. Din il-ħsara għandu jikkumpensa għaliha l-kuntrattur.

2.7 Emejl mingħand Raymond u Georgina Mizzi li huma bejjiegħa tal-monti, rigward it-talba sabiex meta jiġu allokati l-postijiet ġodda, l-kaxxi tagħhom ma jitpoġġewx kif inhuma fil-preżent, jiġiefieri jmissu jew maġenb il-kaxxi ta' Maria u Raymond Cassar. Il-membri qablu li din it-talba tiġi kkunsidrata meta jkunu qed jiġu allokati l-kaxxi l-ġodda fi Pjazza Savina.

## 3. *Update – Playing Field*

Is-Sindku għarraf lill-membri li sar il-*hoarding* mill-kuntrattur sabiex jinbeda x-xogħol. X'aktarx ikollha tingħalaq it-triq ta' bejn il-*playing field* u l-*bus terminus*.

## 4. Attivitajiet tal-Milied u l-ewwel tas-sena

<u>*Christmas Village* mill-Ġimgħa 12 sal-Ħadd 14 ta' Diċembru 2014 fi Pjazza San Ġorġ</u>

Il-programm tal-attivitajiet ser ikun hekk:-
Il-Ġimgħa filgħaxija jieħdu sehem *The Tramps*.
Is-Sibt filgħodu jieħdu sehem skejjel taż-żfin fir-Rabat u filgħaxija il-*Brass Tubes*.
Il-Ħadd filgħodu janimaw korijiet Rabtin tat-tfal u filgħaxija *Pamela*.

<u>Attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena fi Pjazza Santu Wistin</u>

Il-membri qablu li:-
4.1 Il-Kunsill jieħu nota tal-*bands* li jridu jipparteċipaw sabiex jirreferi għalihom għas-snin li ġejjin.
4.2 Jintalab lill-Minsiteru għal Għawdex sabiex tintrama tinda l-barra mill-palk. Dik ta' fuq il-palk jieħu ħsiebha il-Kunsill.

Strina 2014

Is-Sindku għarraf lill-membri li wara laqgħa mal-Presidient f'Malta li attenda għalijha hu u oħra f'Għawdex li attendiet għaliha l-membru Portelli, ħareġ li l-Kunsilli qed jiġu nkoraġġuti sabiex jorganiżżaw attivita' fejn jinġabbru fondi għall-Istrina 2014. Hu ssuġġerixxa li ssir ġabra bieb bieb mar-Rabat. Il-membri qablu ma dan.

Kunċert tal-Mlied mill-*Chorus Urbanus*

Il-kunċert tal-Milied din is-sena għandu jerġa' jsir mill-Chrus Urbanus fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar is-Sibt 20 ta' Diċembru 2014 fit-20.15. L-ispejjes għal dan il-kunċert m'għandhomx jaqbżzu s-€600.

**5. Approvazzjoni tal-Kontijiet**

Ġew approvati l-kontjiet għax-xahar ta' Novembru 2014. Skeda annessa f'dokument B. Ma dawn ġie approvat ukoll kont tal-Perit Edward Scerri li jkopri l-applikazzjoni u l-emendi fuq il-permessi PA1620/13 u PA 4303/07 tal-MEPA li jirrigwardjaw il-piċċ tal-boċċ ta' Triq it-Tabib Anton Tabone. Dan jammonta għall-€2065.

**6. Immaniġjar tat-Traffiku – Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand *Transport Malta* (TM) rigward:-

6.1 il-passaġġ ta' bejn Triq Wied il-Lunzjata u Triq Kerċem. Inħareġ il-permess għall-*speed limit* ta' 30 kilometru fil-siegħa u sabiex il-pass ġġ isir *one way* bi prova ta' xahar dejjem jekk il-Kunsill ikollu l-kunsens ta' terzi. Il-Kunsill ma ġabx il-kunsens ta' terzi rigward il-*one way* peress li l-maġġoranza tar-residenti ma qablitx;

6.2 talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' George Fayek ta' 11, Triq Mro Dirjano Lanzon. Għandha timltea l-formola minn naħħa tal-Kunsill;

6.3 it-talba għall-parekeġġ riservat għall-persnui b'diżabilita' ta' Grace Sultana ta' 33, Triq Librerija. Ma nħariġx il-permess peress li l-persuna b'diżabilita' mhix is-sewwieq u l-karta tal-identita u l-*logbook* ma jaqblux.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM għall-

6.4 *keep clear* għall-persuni li jużaw siġġu tar-roti quddiem l-uffiċċju ta' Dr Marsette Xerri LL.D., 22, Triq Sir Luiġi Camilleri;

6.5 *un/loading* quddiem il-ħanut *Pizza by Luca* fi Triq Karlu Galea;

6.6 *double yellow lines* quddiem il-fabrika tal-irħam ta; Tarċisio Cremona fi Triq Pawlu Portelli;

6.7 *double yellow lines* quddiem garaxx fil-kantuniera ta' Triq Antonio Mallia ma Qasam San Ġorġ;

6.8 *pedestiain crossing* qrib il-kappella ta' Santa Martha fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace. Din it-talba saret mir-rettur tal-kapella;

6.9 *speed cushion* fi Triq il-Ħamamiet;

6.10 1.5 metru *keep clear* quddiem id-dar ta' Carmel Attard, '*White Lily'*, Triq Dun Pawl Micallef.

6.11 Korrispondenza relatata mat-traffiku intbgħatet mingħamd Lelio Spiteri, Kap tal-iskola primarja tar-Rabat. Billi Triq Vajrinġa qed titħalla miftuħa għat-traffiku waqt li t-tfal ikunu deħlin u ħerġin mill-iskaola, intalab spazju riservat għall-mini bus provduta mill-uffiċċju tal-Edukazzjoni għall- tfal li jagħmlu użu minnha. Fuq pariri tal-uffiċċjal inkarigat mit-trasport tal-iksola u tal-uffiċjal inkarigat minn TM saret talba sabiex bejn it-08.00 u d-09.00 u bejn is-14.00 u t-14.45 jitħalla spazju vojt biex toqgħod din il-mini bus u spazju ieħor (3 parkeġġi b'kollox) biex il-ġenituri ma joqgħodux f'nofs it-tirq jistennew it-tfal ħerġin. Il-Kunsill ma jaqbilx ma dan abbażi li l-Kunsill qatt ma qabel li Triq Vajrinġa titħalla miftuħa għat-traffiku waqt li t-tfal ikun deħlin jew ħerġin mill-iskola.

**7. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

7.1 il-MEPA rigward NP 50/14 biex jinbiddlu u jinżabbru s-siġar fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex u fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. Id-deċiżjoni li ttieħdet fil-11 t'April 2014 għadha tgħodd anke' għal din l-applikazzjoni. It-tpoġġija ta' siġar minn Pjazza Indipendenza fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex u fi Triq Ġorġ Borġ Olivier, mhix aċċettabbli. Tressaq ukoll kopja tal-appell li l-Perit bgħat fuq din id-deċiżjoni;

7.2 id-Dipartiment għall-Gvern Loakli fejn il-Kunsill ġie mgħarraf b'riżultat tal-Ftehim Kollettiv tal-Impjegati tal-Kusnilli Lokali, id-Dipartiment għadda lill-Kunsill €7,028.75, sabiex ikopri l-arretrati għas-snin 2012-2014;

7.3 residenti li jgħix qrib il-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-Kunsill ġie rringrazjat talli neħħa l-bing-in site li dan l-aħħar spiċċat minflok miżbla;

7.4 Maryanne Spiteri li qalet li l-bankina ta' quddiem 'Falcon Court' fi Triq Wied is-Seqer inbidlet u ma saritx kif suppost. Il-Kunsill għandu jinfurmha li dan ix-xogħol ma sarx minn ħaddiema tiegħu;

7.5 Nicholas Żammit, il-kuntrattur tat-tindif tat-toroq u l-ġbir tal-iskart goff, rigward self mingħand il-bank li juża hu. Il-Kusill ser jieħu l-parir tal-avukat qabel jiffirma xi dettalji sabiex is-Sur Żammit ikun jista' jieħu dan is-servizz;

7.6 Carmel Scicluna li talab li ssir bankina quddiem 'Kenn Ġużeppin' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. Il-membri qablu li din titniżżel fil-lista ta' bankini li jridu jitranġaw;

7.7 il-MEUSEC rigward għajnuna fuq fondi mill-Unjoni Ewropea;

7.8 is-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva rigward servizz fil-0komunita' għall-perusni 'fuq minn sittin sena;

7.9 il-MEPA rigward avviż ta' twaqqif u ta' twettiq f'sit/għalqa fi Triq Ġuże' Cremona li fiha qed jintrema skart u ma ġietx mgħaluqa b'ħajt;

7.10 il-Moviment Kerygma rigward il-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2014;

<u>Korrispondenza relatata mad-dawl tat-toroq</u>

7.11 Rigward il-bozza li twaħħlet mad-dar 'Kerċuwa' fi Triq Kerċem, il-membri qablu li sid id-dar għandu juri li l-appoġġ hu tiegħu biss. Dan qabel titneħħa l-bozza li saret mingħajr il-kunsens tiegħu;

7.12 Dwar il-bozza li tneħħiet minn mad-dar 'Marija Bambina' fi Triq Karolina Cauchi, GaleaCurmi bgħatu l-istima sabiex minflkha ssir bozza fuq arblu. L-istima hi ta' €989,28. Il-membri qablu li din għandha ssir;

7.13 Emejl mingħand Mark Sacco ta' 'Ta' Ċensa', Triq Karlu Galea, fejn issuġġerixxa li ssir bozza f'din il-parti tat-triq fuq arblu eżistenti peress li hemm ħafna dlam. Il-membri qablu li tinġab stima mingħand GaleaCurmi;

7.14 Emejl mingħand Carmel Scicluna li ssuġġerixxa li jsiru żewġ bozzoz ġodda fi Triq Ġorġ Boorġ Olivier. Il-membri qablu li jittieħed il-parir ta' GaleaCurmi u sadanittant il-Kunsill jistaqsi lis-Sur Scicluna jaċċettax li teħel bozza minnhom mad-dar teigħu;

7.15 Dwar il-bozzoz li ġew issuġġeriti li jeħlu fil bidu ta' Triq is-Selleum, GaleaCurmi qalu li ta' mal-bini trid issir wara li jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni, filwaqt li dik li tista' teħel fuq arblu eżistenti tiġi tiswa' €280.03. Il-membri qablu li għal issa ssir applikazjoni fuq il-bozza li għandha teħel fuq l-arblu;

7.16 Ir-residenti ta' Triq tal-Madliena talbu li ssir bozza oħra fuq arblu eżistenti fil-bidu ta' din it-triq. Il-membri qablu li tinġab stima mingħand GaleaCurmi.

7.17 *Band* bl-isem 'Voodoo Guru'. Din titniżżel fil-lista ta' bands oħra li jixtiequ jipparteċipaw f'attivitajiet organiżżati mill-Kunsill.

**8. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

8.1 ssir *talk* rigward l-ansjeta fit-tfal, minn Healthy Steps Malta, nahr il-21 ta' Novembru 2014 fis-sala tal-Kunsill;

8.2 jinħareġ permesslill-Victore Orire sabiex joffri s-servizz ta' car wash mobbli fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-bus terminus. Fil-permess tal-liċenzji tal-kummerċ dan għandu mniżżel li m'għandux ħanut.

8.3 jintalbu aktar dettalji fuq talba li saret minn Raul Oltean għan-nom ta' Imex Malta Ltd. sabiex bejn it-18 u l-20 ta' Settembru 2015 isir festival (Oktoverfest);

8.4 l-organiżżaturi ta' wirja fi Pjazza San Ġorġ f'egħluq 'il 175 minn meta nġabet l-istatwa titulari ta' San Ġorġ. Intalab sponsor, pero' dan imur kontra l-proċeduri tal-kunsilli Lokali;

8.5 the *Gozo Youth Wind Band and Orchestra* rigward attivitajiet għall- Milied. Il-Kunsill m'għandux aktar fondi vvutati għall-attivitajiet tal-Milied 2014;

8.6 l-Inġiniera GaleaCurmi għandhom jiġu mistoqsija jekk id-dawl li jinsab fl-art f'nofs Pjazza San Ġorġ jistax isir bħal dak ta' taħt l-arkati tal-istess pjazza.

8.7 Is-Segrearju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li qed jidħlu xi lmenti rigward skart li qed jigi mormi fi Triq il-Munisċipju Ruman. Irriżulta li dan l-iskart qed jintrema f'għalqa privata u mhux fit-triq.

8.8 Tressqet stima tal-Perit li tammonta għall-€2,829.32 li tkopri xogħol sabiex jinbena ħajt f'taċ-ċawla biswit għalqa. Il-membri qablu li jekk din għalqa privat l-ħajt ta' tmin filati hu obbligat li jinbena mis-sid.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.45 u laqgħa oħra ser issir nhar is-Sibt 6 ta' Diċembru 2014 fl-10.30.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv